Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 333 / 2018

Il-Pulizja

**(Spettur Yvonne Farrugia[1])**

**Vs**

**Nicholas Dimech**

Illum 12 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Nicholas Dimech detenur tal-karta tal-identita Maltija 301779M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'Ta' Sliema, fis-7 ta' Settembru 2009, jew fil-jiem u x-xhur ta' qabel, fil-kapacita` tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd;

Kif ukoll talli fit-22 ta' Awwissu 2010, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn

[1] Ma kinietx l-ufficcjal li investigat il-kaz u li mexxiet il-prosekuzzjoni originarjament.

servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 1 ta' Awwissu 2011 (esebita a fol. 311 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 18, 115 (a) u 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 18 u 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 10, 17, 23, 30, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-5 ta' Lulju, 2018, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat Nicholas Dimech hati u illiberatu mill-akkuzi kollha migjuba kontrih.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-26 ta' Lulju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha miġjuba f'dan il-kaz issib lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u tinfliggi l-piena skond il-liġi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-appellant Avukat Generali irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet applikazzjoni u interpretazzjoni żbaljata tal-ipotezi tal-liġi nonche apprezzament żbaljat tal-provi imressqa quddiemha konsegwenza ta' liema hija waslet għad-deċiżjoni liberatorja tagħha fir-rigward tal-imputat appellat.

Illi fl-umli fehma tal-esponent il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha ssib ħtija u dan għaliex l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat appellat huma pruvati kemm grazzi għall-ammissjoni magħmula mill-imputat appellat stess fl-istqarrijiet tiegħu rilaxxjati lill-Pulizija kif ukoll permezz tal-provi l-oħra mressqa mill-prosekuzzjoni f'dan il-każ.

*L-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat appellat*

Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet li tiskarta l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat appellat u kwalunkwe referenza li ssir għalihom mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u dan billi straħet fuq sentenzi tal-Qrati nostrana li mhumiex finali u definittivi u dan stante li għadhom fi stadju ta' appell. Illi l-Qorti tal-Maġistrati wara li għamlet referenza estensiva għas-sentenzi fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta -vs- Martino Aiello[2], Il-Pulizija -vs- Aldo Pistella[3] u Christopher Bartolo -vs Avukat Ġenerali[4] rrilevat is-segwenti :-

*"Din il-Qorti tinnota illi ghalkemm is-sentenzi appena citati m'humiex finali u definittivi ghaliex ilkoll ghadhom fi stadju ta' appell, biss dawn jirrispekkjaw bosta decizjonijiet tal-Qorti Ewropea u l-linja li adottat din l-ahhar Qorti.* ***Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghandha timxi fuq dawn il-linji gwida fid-decizjoni taghha dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat fil-kaz odjern u konsegwentement, ser tiskarta tali stqarrijiet bhala prova inammissibbli u kwalunkwe referenza li ssir ghalihom mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.****"*

Illi għaldaqstant il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kaz odjern, għalkemm żammet l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat appellat fl-atti proċesswali, skartathom bħala prova u ddeċidiet il-każ mingħajr ma għamlet analiżi tal-kontenut tal-istess stqarrijiet u kwalunkwe referenza li saret għall-istess stqarrijiet mix-xhieda tal-prosekuzzjoni. Illi bid-dovut rispett, l-esponent umilment itenni li ma jaqbilx ma din il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ. Illi dan qed jingħad għar-raġunijiet segwenti :-

1. Illi fl-ewwel lok, għal dak li jirrigwarda l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat appellat li ġew skartati in toto mill-Qorti tal-Maġistrati, jiġi rilevat illi l-istess Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha li tiskarta dawn l-istqarrijiet fuq sentenzi li għadhom mhux res judicatau dan stante li għadhom pendenti fi stadju ta' appell quddiem il-Qrati nostrana u fejn għaldaqstant għadu mhux magħruf

[2] Sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' Mejju 2017
[3] Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Ġunju 2017
[4] Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-23 ta' Novembru 2017

f'dan l-istadju jekk is-sentenzi mogħtija mill-Qorti Kriminali u mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) humiex ser jiġu konfermati jew le;

2. Illi dan apparti mill-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati straħet fuq dawn l-istess sentenzi suriferiti mingħajr ma qieset il-fattispecji tal-każ odjern, b'dana illi ma kkonsidratx jekk iċ-ċirkostanzi tal-imputat appellat humiex identiċi għaċ-ċirkostanzi ta' dawk l-imputati fis-sentenzi suriferiti fejn il-Qrati nostrana ddeċidew fl-ewwel istanza li l-istqarrijiet rilaxxati mill-istess imputati huma inammissibbli bħala prova u dan stante li kienet seħħet leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq. Illi kull każ għandu storja għalih u għandu jiġi trattat skont il-fattispeċji tiegħu.

3. Illi l-istqarrijiet in kwistjoni ġew rilaxxati mill-imputat appellat Nicholas Dimech nhar il-11 ta' Awwissu 2010 u l-31 ta' Awwissu 2010. Illi għaldaqstant dawn l-istqarrijiet ittieħdu <u>**wara**</u> li d-dritt tal-asistenza legali qabel it-teħid ta' stqarrija sar parti mill-liġi nostrana u dana stante li dan il-jedd kien daħal fis-seħħ nhar l-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35 tas-sena 2010. Illi għalhekk l-istqarrijiet mertu ta' dan il-każ ittieħdu skond il-liġi viġenti ta' dak iż-żmien.

4. Illi r-rikorrent b'kollox irilaxxa erba' stqarrijiet ilkoll iffirmati minnu, tnejn fil-11 ta' Awwissu 2010, waħda għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar[5] u l-oħra għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar[6] u tnejn oħra fil-31 ta' Awwissu 2010, waħda għall-ħabta tal-ħamsa ta' wara nofsinhar[7] u l-oħra għall-ħabta ta'sitta u nofs ta' filgħaxija[8].

5. Illi qabel ma ttieħdu l-istqarrijiet suriferiti nhar il-11 ta' Awwissu 2010 u nhar il-31 ta' Awwissu 2010, l-Ispettur Angelo Gafa u l-Assistent Kummissarju Michael Cassar rispettivament, kienu għarrfu lill-imputat appellat li huwa kellu d-dritt li jekk irid jista' jkellem avukat tal-għażla tiegħu qabel ma jiġi

---

[5] Vide *fol* 9 *et seq* tal-atti proċesswali
[6] Vide *fol* 12 *et seq* tal-atti proċesswali
[7] Vide *fol* 15 *et seq* tal-atti proċesswali
[8] Vide *fol* 18 *et seq* tal-atti proċesswali

interrogat u dan kif jiddisponi l-Artikolu 355AT tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Illi kif jirriżulta mill-atti nhar il-11 ta' Awwissu 2010 l-imputat appellat kien għażel li jeżerċita tali dritt li jkellem avukat tal-fiduċja tiegħu u fil-fatt huwa kkonsulta mal-avukat Michael Sciriha. Illi dan jirriżulta kemm mill-istess stqarrija rilaxxata mill-imputat appellat nhar il-11 ta' Awwissu 2018[9] kif ukoll mill-verbal li sar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati nhar is-7 ta' Frar 2011 fejn il-partijiet eżentaw lil Dr. Michael Sciriha milli jagħti x-xhieda tiegħu u dana peress li *"d-difiża mhux tikkontesta l-fatt li l-imputat tkellem miegħu u dan fil-11 ta' Awwissu 2010, qabel ma beda l-interrogazzjoni."*[10]

7. Illi qabel mal-imputat appellat reġa' ġie interrogat fil-31 ta' Awwissu 2010, huwa rrinunzja għad-dritt tiegħu li jerġa' jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu. Illi dan huwa evidenzjat mid-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ta' parir legali inserita fl-atti proċesswali[11], liema dikjarazzjoni ġiet ukoll iffirmata mill-imputat appellat.

8. Illi d-dritt tal-imputat appellat li ma jinkriminax ruħu dejjem ġie mħares, tant li meta saritlu t-twissija mill-Pulziija huwa ġie mgħarraf bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket. Ħadd ma ġiegħel lir-rikorrent jagħmel xi stqarrijiet, b'dana li jekk ried, huwa seta' ddeċieda li ma jagħti l-ebda tagħrif lill-Pulizija. Madankollu ġjaladarba li r-rikorrent, wara li ħa parir legali, għoġbu jagħti dawk l-istqarrijiet u stabbilit li f'dan il-każ ir-rikorrent ingħata d-dritt li jieħu parir mingħand avukat biex b'hekk ikun jaf bid-drittijiet tiegħu qabel issirlu l-interrogazzjoni u stabbilit ukoll li r-rikorrent kien mgħarraf bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket, allura kwalunkwe ilment dwar in-nuqqas ta' avukat fil-mument tal-istqarrija għandu jaqa' minnufih.

9. Illi għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati tibbaża d-deċiżjoni tagħha li tiskarta l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat appellat fuq l-insenjamenti tal-Qrati tagħna li

[9] Vide *fol* 9 tal-atti proċesswali
[10] Vide *fol* 241 tal-atti processwali
[11] Vide *fol* 14 tal-atti proċesswali

għadhom mhux res judicata kif spjegat aktar 'il fuq f'dan l-appell, madanakollu l-istess Qorti tagħmel referenza ukoll għall-allegazzjonijiet li saru mill-imputat appellat fir-rigward tal-atteġġjament li ntuża fil-konfront tiegħu waqt il-ħin tal-interrogazzjoni. Illi filwaqt li l-Qorti tal-Maġistrati tagħmilha ċara li *"mill-provi prodotti ma tressqitx prova biex turi li din l-istqarrija ma saritx volontarjament jew b'xi theddid, jew biża' jew li ttieħdet b'wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġ,* ***ħlief dak li qiegħed jallega hu fix-xhieda li ta."*** tgħaddi sabiex tikkonkludi li kieku l-provvediment li jippermetti l-avukat tal-għażla tal-imputat ikun preżenti waqt l-interrogatorju ikun fis-seħħ,*"kieku ma kienx ikun hemm lok għall-allegazzjonijiet li qiegħed jagħmel l-imputat għaliex preżenti kien ikun hemm l-avukat tal-għażla tiegħu."*[12] Illi bid-dovut rispett, l-esponent ma jaqbilx ma dan ir-raġjunament tal-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex id-dritt li l-imputat ikollu avukat tal-għażla tiegħu waqt it-teħid tal-istqarrija huwa dritt (mhux obbligu) li għandha kull persuna li tkun qegħda tiġi investigata u għaldaqstant kull persuna għandha d-dritt liberu li jew teżerċita tali dritt jew li tirrifjutah. Illi għaldaqstant id-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati suriferita hija biss spekulazzjoni u dan għaliex ħadd ma jista' jgħid x'kien jagħmel l-imputat appellat li kieku dak id-dritt, li kien għadu mhux viġenti fil-liġi nostrana kien jiġi offrut lilu !

10. Illi għaldaqstant ġjaladarba l-imputat appellat Nicholas Dimech ingħata d-dritt tal-assistenza legali ai termini tal-liġi viġenti ta' dak iż-żmien, ma tissusisti l-ebda leżjoni li trendi inammissibli bħala provi l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat appellat. Illi għalhekk fl-umli fehma tal-esponent l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat appellat huma provi produċibbli, ammissibbli u rilevanti għal dan il-każ u l-kontenut tagħhom kellu jiġi aċċettat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala prova skont il-Liġi.

11. Illi stabbilit dan għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati kellha teżamina ukoll id-depożiżizzjonijiet tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni, senjatament id-depożizzjoni tal-Ispettur Angelo Gafa[13], kif ukoll id-depożizzjoni ta' PS 474

---

[12] Vide *fol* 16 tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati
[13] Vide fol 37 *et seq* tal-atti proċesswali

Norbert Said[14], PS 318 Francis Rogers[15], Supretendent Paul Vassallo[16] u PS 500 John Giusti[17] fir-rigward tal-alleggazzjonijiet li saru mill-imputat appellat fir-rigward tal-mod kif skond hu ittieħdu l-istqarrijiet tiegħu. Illi bid-deċiżjoni tagħha li tiskarta kwalunkwe referenza li ssir għall-istqarrijiet mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati naqset milli teżamina l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni li jċaħħdu b'mod mill-iktar ċar u inekwivoku l-alleggazzjonijiet li saru mill-imputat appellat fir-rigward tal-mod li ttieħdu l-istqarrijiet tiegħu.

12. Illi tenut kont ta' dak kollu suepsost, l-esponent issa ser jgħaddi biex jagħmel referenza għall-kontenut tal-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat appellat u senjatament għall-ewwel żewġ stqarrijiet rilaxxati mill-istess imputat appellat nhar il-11 ta' Awwissu 2018. Illi dakinhar l-imputat appellat kien ikkonferma li huwa fil-kapaċita tiegħu ta' Sindku ta' tas-Sliema kien talab lil Stephen Buhagiar li jagħtih commission fuq l-ammont li kellu jibda jaqla' fix-xahar mill-kuntratt tiegħu ta' contracts manager mal-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema. Huwa jispjega li huwa kien staqsa lil Stephen Buhagiar jekk kienx lest li jagħtih persentaġġ mill-ammont li kellu jaqla' fix-xahar minn dan il-kuntratt[18] u dan apparti dettalji oħra li jirriżultaw mill-istess stqarrijiet.

***Konsiderazzjonijiet legali dwar l-akkużi li saru mill-Qorti tal-Maġistrati***

Illi fil-fehma tal-esponent kien hemm provi a suffiċċjenza u oltre li jikkonfermaw il-ħtija tal-imputat appellat għal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u dan għar-raġunijiet segwenti :-

<u>L-ewwel akkuża (Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)</u>

[14] Vide fol 109 *et seq* tal-atti proċesswali
[15] Vie fol 213 *et seq* tal-atti proċesswali
[16] Vide fol 245 *et seq* tal-atti proċesswali
[17] Vide fol 252 et seq tal-atti proċesswali
[18] Vide stqarrija nserita a fol 12 et seq tal-atti proċesswali

Illi l-Qorti tal-Maġistrati irriteniet illi *"ma tistgħax ikollha l-konvinzjoni morali li l-imputat huwa ħati ta' dak li qed jiġi addebitat lilu"* fl-ewwel imputazzjoni. Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat appellat qiegħed jiġi akkużat li wettaq ir-reat kontemplat fl-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-ewwel element essenzjali għall-kummissjoni ta' dan ir-reat huwa n-natura uffiċċjali jew pubblika tal-impjieg tal-persuna li qegħda tiġi korrotta. Illi l-imputat qiegħed jiġi akkużat li wettaq ir-reat kontemplat fl-Artikolu 115 fil-vesti tiegħu ta' uffiċċjal pubbliku. Illi kif irriteniet il-Qorti tal-Maġistrati ħareġ ċar u pruvat f'dawn il-proċeduri li Nicholas Dimech kien effetivament uffiċċjal pubbliku meta kien jokkupa l-kariga ta' Sindku ta' tas-Sliema. Illi għaldaqstant l-ewwel element huwa sodisfatt.

Illi t-tieni element essenzjali huwa dak li l-istess uffiċċjal pubbliku ikun talab, irċeva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor rigal, wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor li għalihom huma ma kellux jedd. Illi jiġi rilevat li t-talba ta' xi rigal kienet ġiet introdotta fl-Artikolu 115 permezz tal-emendi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att numru III tas-sena 2002. Illi permezz ta' tali emendi il-kliem "jirċevi jew jaċċetta" kienu ġew sostitwiti bil-kliem "jitlob, jirċevi jew jaċċetta". Illi mill-atti proċesswali jirriżulta ampjament ippruvat li l-imputat appellat kien talab lil Stephen Buhaguar jagħtih offerta/*commission* li ma kienx intitolat għaliha. Illi dan jirriżulta mhux biss mill-istqarrija rilaxxata mill-imputat appellat hekk kif diġa aċċenat aktar kmieni f'dan l-appell iżda jirriżulta ukoll mid-depożizzjoni ta' Stephen Buhagiar mogħtija *viva voce* f'dawn il-proċeduri[19].

Illi t-tielet element huwa dak li t-talba issir "in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu". Illi l-esponent jissottometti li għandu jirriżulta ampjament ċar mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni li tali talba saret in konnessjoni mal-kariga tiegħu ta' Sindku ta' tas-Sliema. Illi għaldaqstant l-esponent jirrileva li appena l-uffiċċjal pubbliku jagħmel tali rikjesta, hemmhekk jissusti r-reat kontemplat fl-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Din ir-rikjesta trid tkun għal xi rigal jew offerta ta'

[19] Vide fol 91 *et seq* tal-atti proċesswali

xi rigal fi flus jew f'utli ieħor li għalih l-imputat ma kellux jedd. Illi kjarament l-imputat ma kellu l-ebda jedd li jitlob il-commission li saret referenza għaliha.

It-tieni akkuża (Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Illi l-Qorti tal-Maġistrati rriteniet ukoll li ma tistgħax issib ħtija fuq it-tieni imputazzjoni u cioe' tal-inġurja fil-konfront ta' uffiċċjal pubbliku ai termini tal-Artikolu 95 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan stante li fil-fehma tal-istess Qorti filwaqt li l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-Ispettur Angelo Gafa huma alleggazzjonijiet serji, liema alleggazzjonijiet reġgħu saru quddiem il-Qorti waqt li l-imputat ta x-xhieda tiegħu, dawn ma jinkwadrawx fl-ambitu tal-Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi bid-dovut rispett, l-esponent ma jaqbilx ma din il-konklużjoni raġġunta mill-Qorti tal-Maġistrati. Illi mill-atti jirriżulta li ftit wara li l-imputat appellat irilaxxa l-ewwel żewġ stqarrijiet lill-pulizija u dan wara li għażel li jikkonsulta ma avukat tal-fiduċja tiegħu, huwa rrikora għand il-ġurnali sabiex jagħmel diversi allegazzjonijiet serji fir-rigward tal-mod li skond hu ttieħdu dawn l-istqarrijiet mill-Ispettur Angelo Gafa li kien l-uffiċċjal prosekutur. Illi f'dan ir-rigward ġew preżentati mill-prosekuzzjoni, żewġ artikli li dehru fil-ġurnali Malta Today u Sunday Times nhar it-22 ta' Awwissu 2010[20]. Illi kif jirriżulta mill-verbal datat 20 ta' Diċembru 2010[21], id-difiża kienet eżentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq lill-edituri tal-istess ġurnali sabiex jikkonfermaw l-awtentiċita tal-istess dokumenti.

Illi fin-Noti tiegħu l-Professur Mamo[22] jgħid li l-elementi tar-reat kontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma l-istess bħall-elementi tal-Artikolu 93 tal-istess Kapitolu tal-Liġi u d-differenza hija dik li titratta l-persuna jew persuni fil-konfront ta' min isiru l-inġurji. Illi dwar l-elementi tal-inġurja jew theddid, il-Professur Mamo jgħid :-

[20] Vide dokumenti nseriti *a fol* 80 *et seq* tal-atti proċesswali
[21] Vide verbal inserit *a fol* 118 *et seq* tal-atti proċesswali
[22] Noti Dwar il-liġi Kriminali 'It-Tieni parti' paġna 43 sa 46

*'Any insult or threat is sufficient to constitute this first ingredient of this crime. These may consist in words spoken or written, gestures, drawings or other means calculated to destroy or lessen the reputation of the person against whom they are addressed or uttered or used or to hurt the feelings of give offence to such person. The insult may be specific or may consist in vague expressions or indeterminate reproaches or words or acts merely indecent or offensive.'*

Illi dak mistqarr mill-imputat fiż-żewġ intervisti kien indubjament intiż sabiex jattaka, ikisser u inaqqas ir-reputazzjoni tal-uffiċċjal proskutur ta' dak iż-żmien u jostakolah fix-xogħol tiegħu. Illi rriżulta kemm mix-xhieda dettaljata tal-istess uffiċċjal prosekutur[23], kif ukoll mix-xhieda ta' membri oħra tal-Korp[24] li l-alleggazzjonijiet magħmula mill-imputat appellat kienu kompletament infondati, anzi kienu jammontaw għall-gideb ! Illi in oltre fil-fehma tal-esponent, anke in vista tal-insenjament tal-Professur Mamo appena ċitat, hu x'inhu l-mezz li permezz tiegħu isiru l-inġurji, dan iwassal sabiex jiġi sodisfatt l-ewwel element tar-reat kontemplat fl-Artikolu 95.

Illi imbagħad it-tieni element li jrid jiġi sodisfatt huwa dak li l-inġurja tkun diretta lejn il-persuna ta' wieħed inkarigat minn servizz pubbliku, liema element indubjament jinsab ippruvat stante li l-inġurja kienet diretta lejn Spettur tal-Pulizija.

Illi t-tielet element huwa li din l-inġurja tkun diretta lejn tali uffiċċjal waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz. Illi indubjament ukoll din l-inġurja ġiet diretta lejn l-Ispettur Angelo Gafa minħabba l-qadi tad-doveri tiegħu meta hu interrogah fil-kors tal-investigazzjoni li kienet qegħda ssir mill-Pulizija.

Illi għalhekk mill-analiżi tal-provi prodotti fl-assjem tagħhom u a differenza ta' dak li ġie prosepttat mill-Qorti tal-Maġistrati, jidher ċar u lampanti li l-imputat appellat kellu jinsab ħati tal-imputazzjonijiet kollha hekk kif dedotti kontra tiegħu.

---

[23] Vide fol 37 et seqtal-atti proċesswali
[24] Vide fol 109 et seq (PS 474 Norbert Said), fol 213 et seq (PS 318 Francis Rogers), fol 245 et seq (Supretendent Paul Vassallo), fol 252 et seq (PS 500 John Giusti)

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) quddiem din il-Qorti gie vverbalizzat li '*Dr. Charles Mercieca ghall-Avukat Generali, qieghed iqajjem eccezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-provi wara s-seduta tas-17 ta' Frar, 2017, din l-eccezzjoni qed tinghata bir-rispett u jissottometti li tista' titqajjem ex officjio minhabba l-fatt li hija kontra l-procedura kriminali u b'hekk l-amministrazzjoni tal-gustizzja u dan ghaliex it-testimonjanza tal-imputat ittiehdet kontra l-artikou 634 tal-Kap 9 u ghalhekk hija prova inammissibbli fit-tieni lok, il-Qorti tal-appell annullat is-sentenza u bghattitha bl-ordni specifika li jkun hemm sentenza u li l-procedura tal-kumpilazzjoni tal-evidenza ma gietx segwita u ghalhekk it-testimonjanza tal-imputat hija prova inammissibbli u ghandha tigi sfilzata.*'

Minn-naha l-ohra fl-istess seduta, ghad-difiza gie vverbalizzat:

'*Dr. Mark Vassallo ghall-appellat jopponi ghat-talba tal-Avukat Generali ghas-segwenti ragunijiet:*

*1. Din it-talba dwar l-ammissibilita' ta' xhud kellha se mai tikkostitwixi aggravju li kellu jigi pprezentat mar-rikors promotur tal-appell tal-Avukat Generali.*

*2. Illi ma jirrizulta minn imkien illi dan l-aggravju jista' jigi sollevat ex-ufficio partikolarment peress illi hawnhekk qed nitkellmu dwar ammissibilita' ta' xhud u dwar procedura li ma ghandehomx ikunu suggetti ghall eccezzjonijiet ex ufficio kif qed jissuggerixxi l-Avukat Generali.*

*3. Illi jigi rilevat ukoll illi d-differiment ta' llum li kien wara numru ta' seduti li saru quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell kien intiz ghat-trattazzjoni fil-mertu ta' appell tal-Avukat Generali minn sentenza ta' liberatorja fil-konfront tal-appellat. Bir-rispett dovut din mhux biss kwistjoni ta' ordni pubbliku izda huwa wkoll tharis tad-drittijiet kostituzzjonali tal-appellat f'dawn il-proceduri.*'

Illi l-appell gie differit ghal-lum ghal provediment.

Illi jirrizulta permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) il-Qorti hassret u annullat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u baghtet l-atti lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

sabiex ikun hemm sentenza dwar kull imputazzjni u sabiex l-appellant ma jkunx privat mid-dritt tieghu tad-'doppio esame'.

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' dawn il-proceduri u baghtet l-atti lura lir-Registratur sabiex jigu ri-assenjati peress li l-Qorti kienet diga' ppronunzjat ruhha fuq il-mertu. Kien ghalhekk li l-kaz gie ri-assenjat u fejn fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet ikkoncediet differiment ta' darba biex l-Ufficjal Prosektur gdid jirregola ruhu. Il-Qorti fil-verbal tal-imsemmija seduta ddegretat li '*F'kaz li ma jitharkux xhieda tal-Prosekuzzjoni fis-seduta li jkun imiss, il-Qorti ser tohodha li l-Prosekuzzjoni ma ghandiex aktar provi xi tressaq u taghlaq il-provi tal-Prosekuzzjoni. Sintendi dan jekk il-Qorti tkun dik bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. F'kazijiet fejn il-Qorti hija wara Struttorja, dan ma tistax taghmlu.*'

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) il-Prosekuzzjoni ezentat lil Qorti milli terga' tisma' x-xhieda. Id-difiza ezentat lix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni milli jergghu jixdhu b'dana illi ser tipproduci xhieda taghha. Gie vverbalizzat li:

'*In vista tat-talba tad-difiza, il-Prosekuzzjoni talbet sabiex tirriserva l-pozizzjoni taghha sas-seduta li jmiss rigward it-talba tad-difiza fejn intalab li jressqu provi ohra.*

*Il-Qorti ma tilqax it-talba tal-Prosekuzzjoni kif mitluba izda taghti cans lill-istess Prosekuzzjoni biex fi zmien gimgha millum permezz ta' nota taghmel sottomissjonijiet dwar dak li talbet id-difiza b'komunika lid-difiza b'gimgha zmien ghar-risposta biex il-Qorti fis-seduta li jmiss tkun tista' tiddeciedi dwar it-talba mressqa mid-difiza.*'

Illi permezz ta' nota prezentata fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) il-Kummissarju tal-Pulizija dwar it-talba maghmula mid-difiza sabiex tipproduci xhieda taghha, issottometta li l-imputat irid jerga' jitpogga fl-istess sitwazzjoni li kien fiha qabel il-prolazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012). Il-Kummissarju tal-Pulizija ghalhekk issottometta li ghalhekk ma jfissirx li l-imputat ghandu jerga' jinghatalu xi dritt li jaghzel jekk iridx jixhed o meno jew inkella li jressaq xhieda

godda u dan stante li dan id-dritt kien diga' inghata lilu fi stadju difiza, fejn kien sahansitra iddikjara li mhux se jixhed kif ukoll kien ipproduca xhud. Il-Kummissarju tal-Pulizija ghamel referenza ghas-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn l-imputat kien iddikjara li mhux sejjer jaghti x-xhieda tieghu, kif ukoll saret dikjarazzjoni mid-difiza stess li m'ghandhiex aktar provi x'tipproduci. Il-Kummissarju tal-Pulizija issottometta li d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) mhijiex fis-sens li irid jerga' jinfetah l-istadju tal-provi, provi li huma traskritti skont il-ligi. In oltre, il-Kummissarju tal-Pulizija ssottometta li l-Qorti tal-Appell iddecidiet illi l-atti jintbaghtu fil-Qorti tal-Magistrati, kif inhu korrett proceduralment sabiex l-Ewwel Qorti tghaddi ghas-sentenza, u dan fuq il-provi li diga' hemm fl-atti kif ikkontemplat skont il-ligi. Jissottometti li t-talba tad-difiza ma ssibx il-konfort taghha fil-ligi u hija ghalhekk legalment insostenibbli.

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali gie vverbalizzat li '*Dr Mark Vassallo ghad-difiza jirrileva illi ga la darba is-sentenza giet annullata u aktar minn hekk li l-ewwel Qorti illi tat is-sentenza fl-ewwel stanza astjeniet milli terga' tippronunzja ruhha fuq dan il-kaz, id-difiza qieghda titlob illi l-provi kollha jergghu jinstemghu mill-gdid.*'

Fl-istess seduta, il-Qorti ddegretat:

'*Il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Mejju 2015.*

*Rat illi l-Qorti filwaqt li hassret u annullat is-sentenza appellata, din baghtet l-atti lill-Qorti tal-Matgistrat (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex ikun hemm sentenza dwar kull imputazzjoni.*

*Il-Qorti rat it-talba tad-dfizia, u t-twegiba tal-Prosekuzzjoni.*

*Il-Qorti skont is-sentenza tal-Appell trid taghti sentenza dwar kull imputazzjoni u l-Qorti dan li ser taghmel izda ser tisma' x-xhud tad-difiza kif indikat minnha l-imputat.*

*Il-Qorti wara dan l-istadju ser titlob lill-partijiet biex jaghmlu nota ta' sottomissjiet u tghaddi ghas-sentenza*'

Fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed l-imputat appellat Nicholas sive Nikki Dimech li esebixxa numru ta' dokumenti.

Id-difiza inghatat zmien biex tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet taghha filwaqt li l-Prosekuzzjoni irrimettiet ruhha.

L-imputat kien sussegwentement fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) prezenta rikors fejn kien annetta sentenza moghtija kontra certu Victor Testa kif ukoll kopja ta' xhieda moghtija minn Victor Testa fl-atti ta' kawza ohra kontra l-imputat Nicholas sive Nikki Dimech, f'dak ir-rikors kien talab li l-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex tisma lix-xhud Victor Testa. Il-Kummissarju tal-Pulizija kien oppona din it-talba u l-Qorti kienet sussegwentement cahdet din it-talba.

Id-difiza kienet sussegwentement prezentat in-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Minkejja li l-imputat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jaghmel referenza ghax-xhieda guramentata ta' Victor Testa esebita minnu, gialadarba l-Qorti kienet cahdet ir-rikors fejn fih kienet annetta x-xhieda ta' Victor Testa u li f'liema rikors kien qieghed jintalab is-smiegh ta' dan ix-xhud, din il-Qorti qieghda tifhem li tali xhieda esebita ta' Victor Testa giet skartata mill-Ewwel Qorti bhal kif sejra taghmel din il-Qorti. Ghalhekk jirrizulta li l-lanjanza tal-Avukat Generali hija dwar ix-xhieda moghtija mill-imputat nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017).

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghall-artikolu 634 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-appellant Avukat Generali jaghmel referenza ghalih fit-talba maghmulha quddiem din il-Qorti. Dan l-artikolu jaqra:

'*(1) L-imputat jew akkużat, b'talba tiegħu, jista' jixhed taħt ġurament, minnufih li l-prosekuzzjoni tagħlaq il-parti tagħha, barra minn meta jinqala' l-bżonn li jixhed ukoll wara, f'waqt ieħor tal-kawża, jew jekk il-qorti jkun jidhrilha xieraq li tbiddel l-ordni tal-provi; u l-prosekuzzjoni tista' tagħmillu kontro-eżami, għalkemm dan il-kontro-eżami jkun jista' jġibu ħati tar-reat li għalih ikun imputat jew akkużat:*

*Iżda, in-nuqqas tal-imputat jew akkużat li jagħti x-xiehda tiegħu ma jistax iservi ta' kumment kuntrarju mill-prosekuzzjoni.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar ix-xhieda jgħoddu għall-imputat jew akkużat li jagħti x-xiehda tiegħu taħt ġurament.*

*(3) Id-dispożizzjoni tas-subartikolu (1) ma tgħoddx għall-kawżi fl-appell.'*

L-artikolu 375 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*'Meta l-azzjoni hija mmexxija mill-Pulizija Eżekuttiva, għandhom jitħarsu d-dispożizzjonijiet li ġejjin:*

*(a) l-imputat għandu jidher huwa nnifsu. Iżda hu jista' jkun assistit minn avukati jew prokuraturi legali;*

*(b) fil-każ ta' kontravvenzjoni, tgħodd għall-imputat id-dispożizzjoni tal-paragrafu (b) tal-aħħar artikolu qabel dan;*

*(ċ) l-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva, li bih titmexxa l-azzjoni, u l-imputat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu, jinsemgħu fl-ordni msemmi fil-paragrafu (i) tal-aħħar artikolu qabel dan;*

*(d) il-qorti tista' titlob li r-rapport tal-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva jiġi mwettaq bil-ġurament;*

*(e) l-imputat jista' jagħmel kontro-eżami lill-uffiċjal hawn fuq imsemmi.'*

Filwaqt li l-artikolu 374(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*'meta jidhru ż-żewġ partijiet, it-tmexxija tal-kawża għandha ssir fil-qosor u bil-fomm, fl-ordni li ġej:*

*(i) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jesponi l-fatt tar-reat u jġib il-provi tiegħu;*

*(ii) il-kwerelat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jagħmel id-difiża tiegħu u jġib il-provi tiegħu;*

*(iii) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jista' jirreplika, u l-kwerelat jew l-avukat jew prokuratur legali tiegħu jista' jagħmel kontra-replika:*

*Iżda l-qorti tista', għal raġuni tajba, tqassam xorta oħra l-ordni tas-smigħ tal-kawża;'*

Illi din il-Qorti tibda billi tikkunsidra li meta Qorti tal-Appell Kriminali thassar u tannulla sentenza u tibghat l-atti lura lil Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tpoggi l-partijiet fl-istess pozizzjoni li kienu fiha qabel ma giet deciza s-sentenza u ghalhekk fi stadju fejn il-provi ikunu inghalqu u dak li l-Qorti tkun mistennija li taghmel huwa li terga' tiddeciedi l-kawza abbazi tal-provi gia

prodotti. Dan stante li tkun is-sentenza li tkun qieghda tigi annullata u mhux il-procedura.

Din il-Qorti tinnota li ghalkemm fil-fedina penali tal-appellat tnizzel li '*Ref tas sentenza tat 3/12/12 mill Mag CS Zammit (Insp A Gafa) il-qorti tal appell fis 26/5/15 iddikjarat is sentenza tal Mag bhala nulla u reghat baghtet atti quddiem il qorti tal mag biex jinstemgha il kaz mill gdid*', fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015)[25] gie deciz li '*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza appellata u qed tibghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex ikun hemm sentenza dwar kull imputazzjoni u sabiex l-appellant ma jkunx privat mid-dritt tieghu tad-'doppio esame*'. Ghalhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali ma ordnatx li l-kawza terga tinstema mill-gdid izda li terga tinghata decizjoni dwar kull imputazzjoni.

F'dan il-kaz partikolari, il-Qorti li kienet fl-ewwel istanza iddeciediet is-sentenza kienet fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) astjeniet milli terga' tiehu konjizzjoni tal-procedura u kienet baghtet l-atti lura lir-Registratur sabiex jigu ri-assenjati. Kien ghalhekk li l-kawza kienet giet assenjata lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qori ta' Gudikatura Kriminali, preseduta diversament. Minkejja l-oppozizzjoni tal-Prosekuzzjoni ghat-talba tad-difiza biex tressaq il-provi taghha, il-Qorti kienet iddeciediet li tisma' l-imputat nonostante l-fatt li d-difiza kienet originarjament fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) iddikjarat li l-imputat mhux ser jaghti x-xhieda tieghu. Kien wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali hassret u annullat is-sentenza u baghtet l-atti lura sabiex il-Qorti tiddeciedi fuq kull imputazzjoni, li l-imputat iddecieda li jiehu l-pedana tax-xhieda. Il-Prosekuzzjoni kienet ghamlet il-kontro ezami lill-imputat fl-istess seduta.

L-Avukat Generali ghalkemm appella mis-sentenza moghtija fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018), ma ressaq l-ebda aggravju rigwardanti il-lanjanza dwar l-ammissibbilita' tal-provi ossia dwar ix-xhieda moghtija mill-imputat. Tant hu hekk li din il-Qorti fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) ghaddiet sabiex tiddeciedi l-kwistjoni dwar l-inammissibilita' tal-istqarriji

[25] Appell numru 584/2012 fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa') vs Nicholas Dimech'

rilaxxati mill-imputat u ta' partijiet ta' xhieda li jaghmlu referenza ghal kontenut tal-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat. Kien hekk kif din il-Qorti ghaddiet sabiex tisma' t-trattazzjoni orali dwar il-mertu tal-appell, li l-Avukat Generali qajjem din il-lanjanza.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Tarcisio Pulis) vs Raymond Cucciardi, Vincent Cucciardi u Stephen Cucciardi'**[26] gie kkunsidrat:

'*Fil-kors tat-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, l-appellanti ssottomettew aggravju iehor ta' indoli procedurali li ma kienx tressaq fir- rikors ta' l-appell. Huma qeghdin jissottomettu li wara illi l-Avukat Generali, kif jirrizulta minn fol. 182 u 183 tal-process, baghat ir-rinviju finali tieghu bl-artikoli li, fil-fehma tieghu, abbazi taghhom setghet tinstab htija fil-konfront ta' l-appellanti u dana biex l-ewwel Qorti, f'nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputati skond dak li hemm mahsub fl-artikolu 370 (3) (c) (e) tal-Kodici Kriminali tiddeciedi fuq l-akkuza ta' dik il-htija jew htijiet, jew f'kaz ta' oggezzjoni tipprocedi skond l-artikolu 370 (3) (d) (e) ta' l-imsemmi Kodici, ma saritx it-talba lill-imputati dwar x'kienu jaghzlu, cioe' jekk kellhomx oggezzjoni illi jigu gudikati mill-ewwel Qorti bhala Qorti ta' Kriminali Gudikatura.*

*L-Avukat Generali kif rapprezentat f'din il-kawza ma jikkontestax li din hija l-posizzjoni, pero', jissottometti li dan l-aggravju ma tqajjimx fir- rikors ta' l-appell u ghalhekk ma jistax jigi konsidrat minn din il-Qorti.*

*Din il-Qorti ma taqbel assolutament xejn ma' din l-oggezzjoni ta' l- Avukat General, peress li kif kien hemm okkazzjonijiet diversi jigi deciz minnha ir-rikors ta' l-appell u l-aggravju generali ta' l-appell huwa devoluttiv ta' aggravji ohra li jista' jkun ma jkunux gew specifikati fir- rikors ta' l-appell u li tqajjmu fit-trattazzjoni orali. Purche' l-parti l-ohra jkollha l-opportunita' li tittratta fi zmien utili wara li tkun ippreparat ruhha ghal tali aggravju gdid, m'hemm xejn li jzomm lill-Qorti milli tinvesti l- istess aggravju u tiddecidieh.*'

Minn naha l-ohra, fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta Vs Mark Pace'**[27] stante li fir-rikors tal-appell, l-appellant apparti l-aggravji nizzel ukoll '*(5) salv aggravji ohra li jigu trattati waqt is-smiegh ta' dan l-appell;*' gie kkunsidrat li:

'*Qabel xejn din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar il- hames paragrafu ta' l-aggravji li*

[26] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Ottubru, 2001 (Appell Nru: 322/97)
[27] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-7 ta' Novembru, 2002 (Numru 1/2000)

*permezz tieghu l- appellant ippretenda li seta' jittratta aggravji ohra li ma semmiex fir-rikors ta' l-appell. Hija gurisprudenza ormai pacifika li l-Qorti ta' l-Appell ma tistax tiehu konjizzjoni ta' ragunijiet ta' l-appell, ossia aggravji, li ma jkunux gew imsemmija fir-rikors ta' appell. Dan johrog car minn dak li jipprovdi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 505 tal-Kodici Kriminali li tali rikors "ghandu jkun fih il-fatti tal-kawza fil- qosor imma cari, ir-raguni ta' l-appell (enfazi tal-Qorti) u t-talba ta' l-appellant". Ghalhekk il-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji li huma specifikati fil-paragrafi numri (1) sa (4).'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Darren Attard'</u>** [28] gie kkunsidrat li:

*'Hija gurisprudenza kostanti li galadarba tigi specifikata r-raguni, jew jigu specifikati r-ragunijiet, ta' l-appell, l-appellant ikun marbut b'dik ir-raguni jew b'dawk ir-ragunijiet, fis-sens li tkun biss dik ir-raguni jew dawk ir-ragunijiet li jistghu jigu kkunsidrati minn din il-Qorti, salv, naturalment, aggravju jew aggravji li jistghu jitqiesu li huma komprizi u involuti fl-aggravju jew fl-aggravji kif specifikati.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Simon Deguara'</u>**[29] gie kkunsidrat li:

*'Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra l-appell ta' Simon Deguara (minn hawn 'il quddiem imsejjah "l- appellant"). Qabel xejn, pero`, irid jigi osservat illi waqt it- trattazzjoni orali saru xi sottomissjonijiet mill-abbli difensur ta' l-appellant li jimpingu fuq il-mertu tad-dikjarazzjoni ta' htija dwar il-hames imputazzjoni (traffikar ta' raza tal- cannabis). L-appell intavolat huwa <u>unikament</u> dwar il- piena u ma jikkontjeni ebda aggravju dwar is-sejbien ta' htija li ghamlet l-ewwel Qorti. Difatti fl-ahhar paragrafu l- appellant qieghed jitlob biss ir-riforma tal-piena filwaqt illi qieghed jitlob li s-sentenza appellata tigi kkonfermata "f'dik il-parti fejn instabet htija u fejn kien hemm liberazzjoni". Bhalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet* ***Ir- Repubblika ta' Malta v. Mark Pace*** *moghtija fis-7 ta' Novembru 2002 minn din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha:* ***"Hija gurisprudenza ormai pacifika li l-Qorti ta' l-Appell ma tistax tiehu konjizzjoni ta' ragunijiet ta' l- appell, ossia aggravji, li ma jkunux gew imsemmija fir- rikors ta' appell. Dan johrog car minn dak li jipprovdi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 505 tal-Kodici Kriminali li tali rikors 'ghandu jkun fih il-fatti tal-kawza fil-qosor imma cari, ir-raguni ta' l-appell (enfazi tal-Qorti) u t- talba ta' l-appellant'."*** *Ghalhekk il-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-uniku aggravju ta' l-appellant.'*

---

[28] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta' Settembru, 2001 (Appell Numru: 27/2001)
[29] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Jannar, 2011 (Appell Kriminali Numru. 284/2010)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubbblika ta' Malta v. John Pace'**[30] gie kkunsidrat li:

*'...Fir-rikors l-appellant jghid testwalment illi "l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi l-piena nflitta kienet esagerata" u jitlob lil din il-Qorti li tinfliggi piena "aktar gusta u ekwa" u mhux li ma tinfliggi l-ebda piena. Ghalhekk, in kwantu s-sottomissjoni ta' l-appellant tista' titqies bhala talba sabiex jigi annullat it-tieni kap ta' l-att ta' akkuza, u cioe` aggravju gdid, din il-Qorti tfakkar li hija gurisprudenza ormai pacifika li l-Qorti ta' l-Appell ma tistax tiehu konjizzjoni ta' ragunijiet ta' l-appell, ossia aggravji, li ma jkunux gew imsemmija fir-rikors ta' appell. Dan johrog car minn dak li jipprovdi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 505 tal-Kodici Kriminali li tali rikors "ghandu jkun fih il-fatti tal- kawza fil-qosor imma cari,* ***ir-raguni ta' l-appell*** *(enfazi tal-Qorti) u t-talba ta' l-appellant".'*

Din il-Qorti temfasizza li l-lanjanza mressqa mill-Avukat Generali fl-ahhar seduta kellha titressaq bhala aggravju fir-rikors tal-appell tieghu u mhux f'dan l-istadju tal-proceduri jew *ex officio* kif issottometta l-Avukat Generali. Madankollu, b'zieda ma dan, din il-Qorti tikkunsidra li meta Qorti tal-Appell Kriminali thassar u tannulla sentenza u tibghat l-atti lura lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sakemm ma jigix provdut mod iehor, tkun is-sentenza li tkun qieghda tigi mhassra u annullata u mhux il-procedura kollha. Ghalhekk il-provi ma jergghux jinfethu mill-gdid u l-Qorti tkun mistennija biss li terga taghti s-sentenza Meta bhal kaz in ezami, il-Qorti li tkun ser tiddeciedi l-kaz mill-gdid ma tkunx dik li tkun semghet il-provi, il-parijiet jintalbu sabiex jezentaw lil Qorti milli terga tisma' l-provi. Filwaqt li l-Prosekuzzjoni fil-kaz odjern kienet ezentat il-prosekuzzjoni milli terga tisma' l-provi, id-difiza kienet fl-ewwel lok ezentat lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni milli jergghu jixhdu filwaqt li talbet li tressaq il-provi. Wara l-oppozizzjoni mill-Kummissarju tal-Puizija ghat-talba tad-difiza biex tressaq provi, id-difiza kienet iddikjarat li qeghda titlob li l-provi kollha jergghu jinstemghu mill-gdid. Il-Qorti kienet imbghad iddikjarat li sejra tisma x-xhud tad-difiza kif indikat minnha l-imputat u li wara li jsiru n-noti ta' sottomissjonijiet tghaddi ghas-sentenza.

Din il-Qorti tikkunsidra ukoll li minkejja li l-imputat ma kienx xehed qabel is-sentenza tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012)[31], *ai termini* ta' dak li

---

[30] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Gunju, 2007 (Numru: 2/2006)

jipprovdi l-artikou 634(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalkemm il-procedura stabbilita hi li l-imputat jixhed wara li l-prosekuzzjoni taghlaq il-provi taghha, meta l-imputat jaghzel li jixhed, il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni tiddeciedi inkluz li tibdel l-ordni tal-provi f'dak li jirrigwarda s-smiegh tax-xhieda tal-imputat. Gialadarba, l-Avukat Generali naqas milli jindika din il-lanjanza fir-rikors tal-appell tieghu kif kellu jaghmel *ai termini* tal-artikolu 505(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra oltre minn dan.

Ghar-ragunijiet ikkunsidrati, din il-Qorti sejra tichad it-talba tal-Avukat Generali maghmulha fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) rigwardanti x-xhieda moghtija mill-imputat nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017), qieghda tikkonferma l-ammissibilita' taghha in kwantu fejn din ma tirreferix ghall-istqarriji rilaxxati mill-imputat u dan in linea ma dak deciz minn din il-Qorti fil-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) .

Din il-Qorti ghalhekk tordna l-prosegwiment tal-appell.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[31] Li giet annullata mill-Qorti tal-Appell Kriminali